31998D0461

ID-DEĊIZJONI TAL-KUNSILL
tat-13 ta' Lulju 1998
dwar il-finanzjament ta' spejjeż fissi fis-sistema ta' ġestjoni ta' assistenza teknika għall-Istati tal-Paċifiku, Afrikani u tal-Karibew (ACP) u l-pajjiżi u territorji barranin (OCT)

(98/461/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkonsidra ir-raba' Konvenzjoni ACP-EC, li ġiet iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989 u li ġiet emendat permezz tal-Ftehim iffirmat il-Mawrizju, fl-4 ta' Novembru 1995,

Wara li kkonsidra id-Deċizjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju tal-25 ta' Lulju 1991 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji barranin mal-Komunità Ekonomika Ewropea [1]

Wara li kkonsidra l-Ftehim Intern dwar il-finanzjament u amministrazzjoni ta'għajnuna Komunitarija taħt it-tieni protokoll finanzjarju tar-raba' Konvenzjoni ACP-KE, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejjaħ il-"Ftehim Intern" u b'mod partikolari l-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim,

Wara li kkonsidra il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi huwa neċessarju li jiġu koperti, għall-perjodi ta' erba' snin, l-ispejjeż fissi relatati mal-bidla ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Koperazzjoni għall-amministrazzjoni ta' Assistenza Teknika għall-Istati ta' l-ACP u l-OCT;

Billi l-introjtu li inġabar minn imgħax fuq il-fondi depożitati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 9(2) tal-Ftehim Intern ikopri l-ispejjeż fissi,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Is-somma ta' ECU 5.5 miljuni għandha tigi maqtugħa mill-introjtu li inġabar minn imgħax fuq il-fondi depożitati ma' l-aġenti li qed iħallsu li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 319(4) tar-raba' Konvenzjoni ACP-KE, sabiex jiġu finanzjati l-ispejjeż fissi relatati mal-bidla ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Koperazzjoni għall-amministrazzjoni ta' Assistenza Teknika għall-Istati ta' l-ACP u l-OCT.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, 13 Lulju 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

W. SCHÜSSEL

---

[1] ĠU L 263, tad-19.9.1991, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar permezz ta' Deċiżjoni Nru 97/803/KE (ĠU L 329, tad-29.11.1997, p. 50).